## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 406/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Derrick Schembri**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Derrick Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 118886M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli, f'xi ġranet matul Marzu u April, 2011, u fil-ġranet ta' qabel u wara, f'dawn il-Gżejjer:

B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ

bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Mario Kitcher;

2. u aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LLD nhar is-6 ta' Diċembru 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-1 t' Awwissu, 2016 li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 308, 310(1)(b)36 tal-Kapitolu IX ta' l-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha u ikkundannatu għal tnejn u għoxrin xahar priġunerija kwantu l-ewwel imputazzjoni u a tenur tal-Artikoli 21 u u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-imputat instab ħati tat-tieni imputazzjoni, u cioe' li wettaq reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tas-6 ta' Diċembru, 2010, magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, trattat miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku kien għadu kemm kien dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 261(b)(d)(f), 263, 268, 270 u 278(3) tal-Kapitolu IX ta' l-Liġijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat għal priġunerija għal perjodu ulterjuri ta' sittax il-xahar. Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' erba' mija, sebgha u sebgħin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€477.78). F'każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-liġi;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Awwissu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tħassar,** tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 t'Awwissu 2016 u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni jew ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju singolari dwar l- apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti meta sabitu ħati tal-ewwel akkuża [recte : imputazzjoni] u jallega illi ma setghetx tinsab htija kontra tieghu stante li ma kienx pruvat l-element ta' lukru u dak tal-ingann.

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra tajjeb li jkun mfakkar il-monitu wisq drabi mlissen mill-qrati taghna illi *qua* Qorti tal-Appell Kriminali ma huwiex il-kompitu taghha li tiddeciedi l-kaz mill-gdid u ghalhekk ma tiddisturbax il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati jekk din setghet taghmel hekk ragjonevolment u legalment mill-provi migjuba quddiemha. Kif inhu kostantement ritenut ukoll, sabiex din il-Qorti tasal ghal dik il-konkluzzjoni jehtieg li tezamina l-atti u l-provi mill-gdid u b'mod approfondit;

3.	Il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar negozju bejn l-imputat u l-kwerelant Mario Kitcher. Frankament ir-relazzjoni appena deskritta hi xi ftit nebuluza fis-sens illi dejjem kien Mario Kitcher li ghamel ir-rapport u li qal li kien frawdolat mill-imputat li hariglu cheques fuq ismu ghal ammont ta' dejn dovut lil Kitcher meta mill-atti jirrizulta illi d-dejn kien fil-konfront tas-socjeta' Pie Masters Ltd. Jidher ukoll u fl-istess waqt illi Jason Aquilina kien s-socju ta' Kitcher pero' huwa Kitcher li jilmenta mill-allegat frodi. Din tal-ahhar kienet tissuplixxi xoghol ta' pastizzi u ikel simili lill-hanut tal-imputat. Il-ftehim bejniethom kien li ghax-xoghol kollu supplit matul il-gimgha jkun fatturat fil-bidu tal-gimgha ta' wara u l-hlas isir dak il-hin. Dan l-arrangament ssokkta ghal diversi xhur meta f'salt wiehed l-imputat waqa' lura fil-hlas b'tali mod li l-imputat wieghdu li jhallsu wara li jigi lura mill-*honeymoon* izda wara dan baqa' inadempjenti u ghalhekk l-imputat u Kitcher qablu li jinghata *cheques* b'dati futuri. Dawn ic-cheques, izda, inhargu wara li l-istess imputat kien ghalaq il-kont bankarju tieghu;

4.	Mario Kitcher xehed illi kien jissuplixxi lill-hanut tal-imputat b'xoghol ta' pastizzi u ikel simili wara li kien rama ghal-rasu b'dan ix-xoghol. L-affarijiet kienu mexjin sew kwantu hlasijiet izda meta l-imputat ma setax ihallas fil-hin l-appellant ddecieda li jghinu billi jaccetta hlas b'cekkijiet b'data futura ta' gimgha jew hmistax. Meta f'okkazzjonijiet dawn ma ssarfux l-imputat kien jissalda bi flus kontanti. Meta l-imputat gie fi stat li kellu jaghti ftit flus mhux hazin lill-appellant weghdu li jhallsu mill-flus li kien ser jaqla' bhala rigali fit-tieg tieghu. Wara t-tieġ qalilhom li ma kienx qala' rigali u li kien ser iħallashom ħames mija fix-xahar. Dak iż-żmien kellu jagħti xi disat elef euro u kien tahom xi ċekkijiet u tahom xi flus u tawh iċ-ċekkijiet lura. Kien wegħdu li ser itih elfejn euro ohra li kellhom jigu ghandu forma ta' rigal minghand il-

kunjatu tiegħu. Meta marru l-Bank, izda, sab li l-kont kien magħluq. Il-kwerelant zamm il-messaggi kollha skambjati bejnu u l-imputat u dawn huma traskritti in atti permezz ta' espert mqabbad mill-ewwel Qorti. Huwa kien talab lill-imputat diversi drabi biex jaslu fi ftehim in iskritt izda l-imputat kien jghidlu li jisthi minnu u biex ghalhekk ihallihielu l-hanut biex jiffirmaha;

5. Jason Aquilina, s-socju ta' Mario Kitcher xehed li l-appellant beda jaqa' lura fil-pagamenti jidhirlu fis-sena 2011. Kienu jahdmu b'mod illi kienu jitħallsu tal-ġimgħa ta' qabel jew it-Tnejn jew it-Tlieta. Meta waqa' lura kien imur ix-xhud personalment u bdew jingħataw post dated cheques. Baqgħu jikkonsenjawlu xogħol sakemm fl-aħħar waqfu;

6. Rapprezentant ta' Banif Bank kkonfermat illi l-kont tal-imputat inghalaq fis-7 t'April, 2011 Fil-bilanċ tal-account tal-appellant ma kienx hemm flus. (fol 33).

7. L-imputat ikkonferma l-*modus operandi* bejnu u l-kwerelant kwantu konsenja ta' xoghol u hlas fil-gimgha ta' wara kif ukoll li fejn ma kienx ilahhaq mal-pagamenti u johrog cheques b'data futura u li kien jonora d-debiti tieghu sakemm gie biex jizzewweg. Xehed ukoll, izda, illi meta kien ihallas fi flus kontanti kontra cheques li jkun hareg u li ma sarrfux, ma kienx jinghata lura dawn ic-cheques. Spjega ukoll illi kien hemm kwistjoni bejnu u l-kwerelant li kien konvint li bintu sseparat minhabba fih meta hu ma kellu l-ebda gibda lejha;

8. L-appellant spjega ukoll illi kien hareg dawn ic-cheques bhala garanzija wara li kien ghalaq il-kont bankarju meta kien ghamel il-proposta lill-kwerelant li kien lest li jhallsu mir-rigali tat-

tieg tieghu u hareg dawn ic-cheques f'Gunju tas-sena 2012. Wara li kien hareg dawn iċ-ċekkijiet lis-sur Mario Kitcher dan ta l-aħħar kien tah aktar merkanzija u Kticher mar isarrafhom madwar erbat ijiem wara li nhargu minflok ma stenna id-data ta' maturita'. Minkejja dan, l-imputat baqa' jinsisti li hu kien hallas dak kollu dovut lill-Kitcher u li dan kien irrikorra ghall dawn il-proceduri biex ipattihielu dwar bintu kif kien weghdu li jaghmel;

9. Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta li huwa kien għalaq il-kont tal-bank mal-Banif Bank fis-7 t'April, 2011 u ħareġ erba' ċekkijiet lil Mario Kitcher li kellhom jitħallsu wara dik id-data. Huwa kien talab lil Mario Kitcher ma jsarrafhomx u kien qallu li ma 'kienx ser ikollu flus fil-kont.' Skont l-imputat Mario Kticher kien ħa ċ-ċekkijiet biex ikun hemm prova li kellu jagħtih il-flus u ma kienx infurmah li l-kont kien diġa' magħluq. Qallu wkoll li hu kien ser iħallsu bi flus kontanti. Huwa qal li kien tah kollox f'daqqa għall-ħabta ta' Ġunju 2011 għax kellu l-flus tat-tieġ. Iċ-ċekkijiet kienu baqgħu għand Mario Kitcher u kien qallu biex imur għalihom iżda hu qatt ma mar. L-imputat qal li qatt ma basar li 'wara li ħallsu kien ser jagħmillu hekk';

10. Din il-Qorti, bhal dik tal-ewwel istanza, ma temmen xejn lill-imputat li frankament fit-tentattiv biex jattira konvinciment ghall-istorja tieghu hareg b'verzjoni li ma tregi assolutament xejn u ma hi xejn kompatibbli mas-sekwenza tal-fattispeci. Minkejja dan, jokkorri li jkunu ezaminati l-argumenti mressqa mill-appellant fl-isfond tal-ilment ewlieni tieghu li ma kienux pruvati z-zewg elementi tal-ingann u tal-lukru;

11. Skond l-appellant, l-gurisprudenza in rigward tikkoncedi illi mhux kull cheque li ma jissarrafx iwassal għat-truffa għaliex mhux biss wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi, iżda wkoll jekk il-vittma tkunx indotta titlef mill-patrimonju tagħha. Isostni illi meta l-ewwel Qorti ccitat mis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby** (App Krim 12.2.1999) naqset milli ticcita dik il-parti taghha li tghid li mhux kull cheque la ma jkunx onorat jammonta ghar-reat ta' truffa. L-appellant ma huwiex korrett fil-kritika tieghu lejn l-ewwel Qorti li b'mod approfondit ghamlet sintenzi tal-gurisprudenza dwar ir-reat ta' truffa. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ma ccitatx din il-parti tas-sentenza kif qal l-appellant izda dwar l-istess principju ccitat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono** (Q. Mag. 14.7.2010) fejn kienet citata is-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuele** Vella (App Krim 20.6.1997) fejn kien ritenut li ma hemmx il-kommissjoni tar-reat fejn hu mankanti n-ness li jgieghel lill-parti leza milli taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga bi hasara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti hadet kont ta' dawn iz-zewg elementi u mhux kif jghid l-appellant, b'dan pero' li possibilment ma applikatx l-insenjament ghall-fatti in ispeci ghall-motivi li ser isegwu;

12. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull dritt li ma temminx il-verżjoni tal-appellant li huwa kien ħallas fi flus kontanti. Ix-xhieda tiegħu mhix konvinċenti dwar dan il-punt u lanqas din il-Qorti ma emmnet il-verżjoni tal-appellant. Pero' mill-messaġġi fuq il-mobile phone kif jidhru a fol 56 u 57, b'ħamsa minnhom bid-data 20 ta' Ġunju 2011, l-appellant ikompli jinsisti mas-sur Mario Kircher li hu ried li jħallas kollox.

13. Tajjeb li qabel tissokta bil-konsiderazzjonijet taghha, l-Qorti tezamina s-sentenzi citati mill-appellant in sostenn tal-argumenti tieghu. Fil-kaz deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 1999 fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Anthony Francis Willoughby'**

ċerta 'Jane Borg, meta hi għaddiet il-flus lit-tifel tagħha bħala self lill-appellant, dan għamlitu mhux għax kienet qed tiġi ngannata mill-appellant. Tali ingann jew qerq ma jirriżulta minn imkien. Is-self kien dejn ċivili. Il-fatt li wara, meta kellu jsir il-ħlas, l-appellant ħareġ cheque fuq kont vojt ma jfissirx li t-trasferiment oriġinali tal-flus kien ġie karpit b'ingann.' (Ara: Kollezzjoni Vol.LXXXIII. Ir-raba' parti paġina 185).

14. Fil-każ ċitat tas-16 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Philip Petroni'** Philip Petroni kien 'ħareġ żewġ ċekkijiet favur il-kumpanija P.Cutajar & Co.Ltd u dan biex suppost jaqta' parti mid-dejn li kellu. Dawn iċ-ċekkijiet kienu post dated u Petroni kien jaf, meta ħareġ dawn iċ-ċekkijiet, li flus f'dawn il-kontijiet ma kienx hemm u li ma kienx ser ikun hemm flus anke fil-ġranet meta dawn kellhom suppost jissarrfu. Il-korrispettiv ta' dan id-dejn, jiġifieri l-oġġetti jew servizzi mogħtija mis-soċjeta P.Cutajar &Co Ltd u li għalihom kien jirreferi dan id-dejn kien ilu pperċepit minn Philip Petroni u cioe' qabel ma nħarġu ċ-ċekkijiet. Meta s-soċjeta' kreditriċi marret biex issarraf dawn iż-żewġ ċekkijiet, dawn ma ġewx onorati mill-bank. Kien biss disa' xhur wara li Philip Petroni ħallas l-ammont li kienu jirreferu għalih dawn iċ -ċekkijiet...Fil-każ in diżamina, il-qerq perpetrat mill-appellant Petroni – meta ħareġ iż-żewġ ċekkijiet li kien jaf li mhux ser jissarrfu – b'ebda mod ma wassal lis-soċjeta' P.Cutajar & Co.Ltd biex tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġabitilha telf patrimonjali u xi qligħ għal Petroni: sempliċiment id-dejn li kien hemm baqa' hemm u, se mai, komplew jiżdiedu l-imgħaxijiet fuq dak id-dejn. Naturalment dak li għamel l-appellant kien imur kontra kull etika u prassi tajba fil-kummerċ, pero' altru s-sanzjoni tas-soċjeta' kummerċjali li ma tibqa' tikkonċedi ebda kreditu lill-imsemmi appellant minħabba l-aġir tiegħu, u altru s-sanzjoni penali li tiskatta biss jekk ikunu jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat.....Għalhekk lanqas ma

jikkonfigura r-reat ta' lukru frawdolent innominat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.' (Kollezzjoni LXXXIII. Part IV paġni 271, 272 u 273).

15. Fuq l-istess linja kien deċiż il-każ **'Il-Pulizija v Emmanuele Ellul'** fl-20 ta' Ġunju 1997 (Kollezzjoni Part IV Volume LXXXI Appelli Kriminali paġna 207) fejn intqal hekk a fol 212: 'Issa, b'dak li ghamel l-appellant, ċioe li ħareġ ċekk meta fil-fond ma kellux fondi, għalkemm ċertament kien hemm element ta' qerq, ma jistax jingħad li f'dan il-każ, induċa lil xi ħadd milli jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa bi ħsara għal dak ix-xi ħadd u bi qligħ għalih cioe' għall-appellant is-somma ta' Lm8,977.32 kienet tirrappreżenta taxxa miġbura mill-kumpanija tal-appellant skont il-liġi u li l-appellant kellu jgħaddi lid-Dipartiment tal-VAT, l-appellant sempliċiment naqas milli jghaddi l-flus billi żammhom għalih (jew aħjar għall-kumpanija bħala parti mill-assi tagħha) u b'ebda mod ma jista' jingħad li l-qerq tiegħu – il-ħruġ ta' ċekk fuq kont vojt – inċida jew seta' jinċidi) fuq id-Dipartiment b'mod li dak id-Dipartiment jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li ġġib it-telf u l-qligħ imsemmi. Fi kliem ieħor, ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness meħtieġ bejn il-qerq adoperat mill-appellant u xi att ta' kommissjoni jew omissjoni da parti tad-Dipartiment. U peress li dan in-ness hu meħtieġ ukoll għall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 anqas ma jissussisti f'dan il-każ ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309'.(paġni 212 u 213);

16. Dan kollu ma jeskludix li l-ħruġ ta' ċekk fejn m'hemmx fondi ma jistax iġib kundanna. Jekk kunsinna ta' materjal tinbiegħ lill-persuna li jħallas b'ċekk fejn m'hemmx fondi dan jista' jinsab ħati taħt l-artikolu 308 għaliex (a) ikun sar is-serq u (b) il-kumpanija tkun tilfet mill-patrimonju tagħha għax tqarrqet li qed tirċievi ħlas veru. Għalhekk f'każ bħal dan hemm iż-żewġ elementi u mhux

wieħed biss u jissussisti r-reat taħt l-artikolu 308. Mill-bqija jgħodd dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza '**Il-Pulizija v Philip Petroni** citat *supra* :

'*Mhux kull cheque li ma jiġix onorat mill-bank neċessarjament jammonta għar-reat ta' truffa (artikolu 308) jew għar-reat minuri iżda kompriż u involut ta' lukru frawdolent innominat (artikolu 309) u dan hu anke jekk kemm-il darba jirriżulta li meta nħareġ iċ-cheque, jew meta kellu jiġi msarraf min ħarġu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv.*
*Mhux kull forma ta' lokupletazzjoni ossia arrikiment magħmul a dannu ta' ħaddieħor tammonta għall-frodi fis-sens tal-liġi penali. Fil-liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent. Dan it-telf ħafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma propju għax tkun ġiet ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent. ...Naturalment il-ħruġ ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun proprju l-mezz ta' ingann adoperat <u>biex jinduċi</u> <u>lil dak li jkun sabiex jagħmel jew jonqos milli jagħmel</u> xi ħaġa li ġġiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti gwadann għall-aġent. (enfasi tal-Qorti tal-Appell).'*

17. Mill-punto di vista legali l-elementi tar-reat ta' truffa kienu taħt il-lenti tal-Qrati Maltin diversi drabi. A skans ta' repitizzjoni l-Qorti ser tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza diġa' ċitata 'Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul a fol 210- 212 tal-Kollezzjoni Volume LXXXI r-Raba' Parti:

'*Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-artifizi jew raġġiri idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-*

*ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent....*

*Il-Liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, ċioe li dawn l-artifizi jew raġġiri jkunu xi ħaġa ikkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet: in fatt l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-liġi. Pero', kif inghad, element essenzjali ieħor tar-reat in diżamina huwa t-telf patrimonjali li ġarrab il-vittma bil-konsegwenti qligħ għall-aġent, liema telf u qligħ ikunu –riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos milli tagħmel il-vittma għax ġiet ingannata. In fatti t-truffa komunement tiġi mqabbla mas-serq u mal-esproprijazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligħ l-Antolisei jikkummenta:*

*'Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita.'*

18. Applikat dan l-insenjament kollu ghall-fatti in ispeci, jemergi illi l-appellant kien hareg erba' cheques favur s-Sur Mario Kitcher (li kif inghad qabel ma kellu jiehu xejn minghand l-imputat ghaliex fir-rejalta' kienet is-socjeta' Pie Masters Ltd li kienet ssupliet il-merkanzija u lilha ghalhekk dovuti l-flejjes). Dawn jirraprezentaw somma ekwivalenti ghal kwazi n-nofs ta' dik fir-realta', ukoll l-ammont dovut kien ferm anqas minn disat elef euro ghaliex dan kien ghall-incirka ta' hamest elef. Dawn ic-cheques ghandhom is-

segwenti dati fuqhom: 19.4.2011; 05.05.2011; 15.05.2011 u 19.06.2011;

19. Issa, il-fatti partikolari ta' dan il-kaz juru illi l-impuat kien dejjem supplit bl-oggetti fuq l-intendiment li jhallas fil-bidu tal-gimgha ta' wara ghal dak li jkun ha l-gimgha ta' qabel. Gara, izda, li minkejja li bdew jibghatulu x-xoghol, d-*delivery man* kien jigi lura b'idu f'idu ghaliex l-imputat ma kienx qed ihallas. "Jien dejjem ninsisti isma' igbru l-payments, igbru l-payments. Ma kienux qed jigu" (deposizzjoni ta' Jason Aquilina fol 28).. Ghal mistoqsija tal-Qorti x'gara meta ma bdewx isiru pagamenti, l-istess xhud wiegeb illi "Mbaghad bdejna ninghataw post-dated cheques";

20. Illi ghalhekk huwa manifest illi ma jirriżultax wiehed mill-elementi tat-truffa: jiġifieri li l-appellant b'xi mod induċa lis-sur Mario Kitcher biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li ġġib it-telf mill-patrimonju tieghu bi qliegh reciproku ghall-appellant. Fi kliem ieħor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness meħtieġ bejn il-qerq adoperat mill-appellant u xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni da parti tas-sur Mario Kitcher. L-imputat hareg dawn ic-cheques biex jaghti x'jifhem u jikkonvinci lis-sur Kitcher li kien ser ihallsu tal-ammont dovut, mhux izda biex igieghel lill-istess jaghmel xi haga b'telf tal-patrimonju tieghu bhal per ezempju jissuplieh b'aktar merkanzija. Dan ma huwiex il-kaz klassiku fejn persuna taghmel ordni ta' merkanzija bi promessa li thallas b'cheque mal-konsenja u tali cheque ma jkunx onorat. Dan huwa kaz fejn wara kumulu ta' dejn l-imputat wieghed li jhallas permezz ta' cheques. Dak l-ammont kien dovut qabel ma nhargu c-cheques u ghalhekk il-qerq adoperat mill-intimat ma sewa xejn biex igieghel lill-parti leza taccetta li taghmel jew ma tghamilx xi haga. Dak li seta' kien konvint li jaghmel hu li ma jinizzja ebda proceduri civili f'dak il-mument pero' xejn mill-azzjoni tal-imputat ma kienet timpedixxi lill-parti leza li jibda tali proceduri u ghalhekk dak li

seta' tilef l-parti leza f'dawn ic-cirkostanzi kien kwistjoni ta' zmien sakemm jiddeciedi li jinizzja proceduri fi kwistjoni civili rigwardanti dejn.

21. Ghal dawn ir-ragunijiet u fl-isfond ta' dawn il-fatti, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant huwa akkolt, konsegwentement il-qorti qed thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lill-appelant hati sia tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement ukoll tat-tieni imputazzjoni li kienet tiddependi fuq sejbien ta' htija fl-ewwel wahda, u qed tilliberah minn kull htija u piena inkluz l-ordni ghall-hlas tal-ispejjez tal-perit espert.